Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 2 ta' Diċembru 2022**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0394(COD)**

**15557/22**
**ADD 2**

**CLIMA 641**
**ENV 1240**
**AGRI 690**
**FORETS 129**
**ENER 650**
**IND 526**
**COMPET 983**
**CODEC 1902**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 1 ta' Diċembru 2022 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 672 final |
| Suġġett: | ANNESS tal-Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi qafas ta’ ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 672 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 672 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2022
COM(2022) 672 final

ANNEX 2

**ANNESS**

**tal-**

**Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju**

{SEC(2022) 423 final} - {SWD(2022) 377 final} - {SWD(2022) 378 final}

## ANNESS II

## Informazzjoni minima inkluża fiċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 9

Iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-informazzjoni minima li ġejja:

(a) l-isem u t-tip tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju, inkluż l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi;

(b) il-post tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju, inkluż il-post ġeografikament espliċitu tal-konfini tal-attività, li jħares ir-rekwiżiti tal-iskala tal-immappjar 1:5000 għall-Istat Membru;

(c) id-data tal-bidu u d-data ta' tmiem l-attività tal-assorbiment tal-karbonju;

(d) l-isem tal-iskema taċ-ċertifikazzjoni;

(e) l-isem u l-indirizz tal-korp li jiċċertifika u tal-logo;

(f) in-numru jew il-kodiċi (uniku) taċ-ċertifikat;

(g) il-post u d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat;

(h) ir-referenza għall-metodoloġija taċ-ċertifikazzjoni applikabbli msemmija fl-Artikolu 8;

(i) il-benefiċċju nett tal-assorbiment tal-karbonju msemmi fl-Artikolu 4(1);

(j) l-assorbimenti tal-karbonju taħt il-linja bażi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a);

(k) l-assorbimenti totali tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 4(1)(b);

(l) iż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti tal-gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 4(1)(c);

(m) analiżi dettaljata skont il-gassijiet, is-sorsi, il-bjar tal-karbonju u l-ħażniet fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fil-punti (j), (k) u (l) ta' dan l-Anness;

(n) id-durata tal-perjodu ta' monitoraġġ tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju;

(o) kwalunkwe kobenefiċċji sostenibbli msemmi fl-Artikolu 7(3);

(p) referenza għal kwalunkwe ċertifikazzjoni oħra tal-assorbiment tal-karbonju.